# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, il-Ġimgħa 17 ta' Novembru, 2023

**Kawża Nru. 3**

**Rik. Nru. 109/2022 ISB**

**Ramel u Żrar Limited (C 13018)**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpaniji u b'digriet tat-18 ta' Jannar 2023 ġew kjamati fil-kawża Sebastian Dalli u Asset Investments Ltd (C 15519), u b'digriet tal-10 ta' Marzu 2023 l-istess Sebastian Dalli u Asset Investments Ltd (C 15519) ġew estromessi mill-kawża, u b'digriet tal-15 ta' Mejju 2023 Asset Investments Limited (C 15519) u Sebastian Dalli KI 769956M ġew awtorizzati jintervjenu fil-kawża *in statu et terminis*.**

**Il-Qorti,**

Rat **<u>ir-rikors</u>** tas-soċjeta' **Ramel u Żrar Limited**, intavolat fil-31 ta' Ottubru 2022, li permezz tiegħu huwa talab lil-Qorti sabiex:-

> *... tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji jerġa' idaħħal isem is-soċjetà Mixer Concrete Works Ltd (C 17858) fir-Reġistru tal-Kumpaniji u dan taħt dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.*

U dan wara li ppremettiet:

> *Illi s-soċjetà esponenti kienet ottjeniet sentenza fl-ismijiet Ramel u Żrar Limited vs Mixer Limited et (Ċitaz. Nru. 1394/00 JRM) deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Lulju 2006 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Mejju 2007.*
>
> *Illi permezz ta' din is-sentenza s-soċjetà Mixer Limited ġiet ikkundannatha tħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' Lm2,495.34 (illum ekwivalenti għal €5812.57) filwaqt illi s-soċjetà intimata l-oħra Mixer Concrete Work Ltd ġiet ikkundannatha tħallas lis-soċjetà rikorrenti Lm4,293.34 (illum ekwivalenti għal €10,000.77) bl-imgħax mid-data ta' kull konsenj. Kopja informali ta' din is-sentenza qed tiġi esebita bħala Dok A.*
>
> *Illi riċentement ir-rikorrenti saret taf illi s-soċjetà Mixer Concrete Works Ltd ġiet stralċjata u dan fis-27 ta' Ġunju 2020 u dan kif jirriżulta mill-annessa print out mis-sit elettroniku tal-Malta Business Registry (Dok B).*
>
> *Illi dan ir-rikors qiegħed isir fit-terminu ta' ħames snin previst fl-artikolu 325(4) tal-Kap. 386 u l-esponent huwa għaldaqstant persuna interessata fit-termini ta' dan is-subartikolu.*

Rat **<u>id-dokumenti</u>** ppreżentati mar-rikors (fol 2 sa fol 23).

Rat **<u>id-digriet</u>** tagħha tal-4 ta' Novembru 2022, minn fejn jirrizulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tas-16 ta' Diċembru 2022 f'12:00 p.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpanniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fis-16 ta' Novembru 2022 (ara tergo ta` fol 25).

Rat in-nota tas-soċjeta' rikorrenti intavolata fis-16 ta' Novembru 2022 li permezz tagħha ppreżentat affidavit ta' Gaetano Abdilla b'dokumenti annessi (fol 29 sa fol 59).

Rat ir-rikors tal-intimat Reġistratur tal-Kumpaniji intavolat fis-6 ta' Diċembru 2022 (fol 62) li permezz tiegħu talab lill-Qorti sabiex tordna l-kjamata fil-kawża tal-uffiċjali u l-azzjonisti tal-kumpanija ġja stralċjata u ċioe` Sebastian Dalli u Asset Investments Limited. Rat ukoll id-digriet tagħha tal-14 ta' Diċembru 2022, li permezz tiegħu ordnat in-notifika lill-kontro-parti b'ġimgħa għar-risposta.

Rat illi fis-6 ta' Diċembru 2022, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ippreżenta **ir-risposta** tiegħu (fol 65) b'dokument hemm anness, li permezz tagħha, huwa sostna:

> *Illi l-kumpanija surreferita fir-rikors promotur, u ċioe' Mixer Concrete Works Limited (C 17858) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru"), fit-23 ta' Frar 1995;*
>
> *Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset,ghal diversi snin u b' mod kontinwu, mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji, tant illi l-aħħar kont annwali sottomess kien dak tas-sena 2000, filwaqt li l-aħħar prospett annwali li ġie sottomess kien dak tas-sena 2004;*
>
> *Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponent Reġistratur tissoponi illi l-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*
>
> *Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċediet sabiex kitbet lill-kumpanija u lid-direttur tagħha sabiex tavża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*
>
> *Illi r-Reġistratur bagħtet l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija fuq l-indirizz reġistrat tagħha li huwa Emma House, Mdina Road, Żebbuġ, Malta, kif ukoll lid-direttur tagħha u ċioe' lil Sebastian Dalli fl-indirizz 16, Papillon,Triq l-Ghoxrin ta' Jannar,*

*Qormi, Malta, datati 18 ta' Frar 2020 (annessi u mmarkati bħala Dok.* ***'A'****);*

*Illi t-tieni avviż ġie mibgħut permezz ta' ittra oħra kemm lill-kumpanija u kif ukoll lid-direttur tagħha fl-istess indirizzi nhar is-27 ta' Marzu 2020;*

*Illi f'dawn l-ittri l-kumpanija u d-direttur tagħha ġew infurmati illi la darba kienu ilhom snin sħaħ jonqsu mill-obbligi tagħhom taħt l-Att, skont l-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji, f'każ li ma iweġbux l-ewwel ittra fi żmien xahar u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kienet se tkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija;*

*Illi fis-27 ta' Marzu 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi ta' min jiġi rrimarkat kif la s-soċjeta' surreferita Mixer Concrete Works Limited u lanqas terzi persuni inkluż is-soċjeta' r-rikkorenti qatt ma oġġezzjonaw għal tali proċess matul il-perjodu ta' tliet xhur provdut mill-Att dwar il-Kumpaniji għal-ġid ta' kull min seta qatt kellu interess jagħmel dan;*

*Illi fil-frattemp ir-Reġistratur baqgħet qatt ma rċieviet l-ebda tip ta' risposta la minghand il-kumpanija u lanqas minn terzi persuni jew xi tip ta' dokumentazzjoni pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fit-30 ta' Ġunju 2020, l-esponenti ħarġet avviż fuq website miżmuma minnha fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija*

*in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru b'effettt mit-30 ta' Gunju 2020;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi fil-każ odjern, ir-rikorrent qiegħed jibbaża t-talba tiegħu sabiex l-isem tal-kumpanija jerġa' jitqiegħed fuq ir-Reġistru bħala kreditur ai termini tas-subartiklu 4 tal-artiklu 325 tal-Att. Dan tal-aħħar jipprovdi illi tali rimedju mitlub jista' jingħata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li jkun xieraq illi jsir dan. Is-subartiklu 6 tal-istess artikolu jipprovdi illi, minkejja illi l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru, ir-responsabbilita' tal-kumpanija u kull uffiċjal u membru tagħha għandha tkompli u tista' tiġi nfurzata daqslikieku l-isem tal-kumpanija ma kien qatt tħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-Reġistratur tapprezza illi meta f'każ bħal dan, ikun kreditur illi jkun qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti illi l-isem jerġa' jitpoġġa lura fuq ir-Reġistru, din l-Onorabbli Qorti m'għandha l-ebda kontroll fuq l-aġir tal-kumpanija. Dan għaliex l-isem tal-kumpanija jkun qiegħed jerġa' jitpoġġa fuq ir-Reġistru sempliċiment għall-benefiċċju tal-kreditur. Ir-Reġistratur tixtieq umilment tissolleva, illi f'ħafna każijiet bħal dan tal-lum, il-kreditur jagħżel li jagħmel rikors il-Qorti sabiex jerġa' jitqiegħed lura fuq ir-Reġistru l-isem tal-kumpanija anke jekk ikun jaf li l-kumpanija ma jkollha ebda assi;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur tixtieq illi jekk il-kumpanija Mixer Concrete Works Limited terġa' titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija għandha tissottometti d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan ukoll sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni. Ir-*

*Reġistratur qiegħda umilment tissolleva illi qiegħda tħalli f'idejn din l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tagħha sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rattifikata;*

*Illi r-Reġistratur hija kreditriċi tal-kumpanija surreferita Mixer Concrete Works Limited hija stess u għaldaqstant hija għandha tiġi mħallsa l-penali dovuti fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali u kontijiet annwali li jammontaw għal eluf ta' ewro;*

*Illi għaldaqstant l-esponenti qegħda umilment tissolleva li hija lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ. Dan sabiex ir-Reġistratur ma tispiċċax b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit;*

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Jannar 2023, li permezz tiegħu ordnat il-kjamat in kawża ta' Sebastian Dalli u s-soċjeta' Asset Investments Limited.

Rat ir-risposta tas-soċjeta' rikorrenti għar-rikors tar-Reġistratur intimat tas-6 ta' Diċembru 2022 intavolata fid-19 ta' Jannar 2023 (fol 89), li permezz tiegħu opponiet għat-talba tar-Reġistratur intimat.

Rat id-digriet tagħha tal-1 ta' Frar 2023, li permezz tiegħu ċaħdet it-talba tar-Reġistratur intimat.

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta' Marzu 2023 dehru l-Avukati Dr Jose' Herrera u Dr David Camilleri għas-soċjeta' rikorrenti u dehret l-Avukat Dr Claudette Fenech għar-Reġistratur intimat.

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-10 ta' Marzu 2023, id-difensuri tas-soċjeta' rikorrenti ddikjaraw li m'għandhomx aktar provi x'jipproduċu. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tar-Reġistratur intimat li m'għandhiex provi x'tipproduċi.

Rat ir-rikors ta' Asset Investments Limited u Sebastian Dalli intavolat fit-18 ta' April 2023 li permezz tiegħu talbu li jintervejnu *statu et terminis* f'dawn il-proċeduri. Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' April 2023 li permezz tiegħu ordnat in-notifika lill-kontro-parti b'ġimgħa għar-risposta.

Rat ir-risposta tas-soċjeta' rikorrenti intavolata fl-10 ta' Mejju 2023 (fol 97).

Rat ukoll id-digriet tagħha tal-15 ta' Mejju 2023 li permezz tiegħu laqgħet it-talba tas-soċjeta' Asset Investments Limited u Sebastian Dalli u awtorizzathom jintervjenu fil-kawża *in statu et terminis.*

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Mejju 2023, xehed in kontroeżami Gaetano Abdilla.

Rat in-nota tal-intervenuti fil-kawża intavolata fit-23 ta' Ġunju 2023 (fol 105) li permezz tagħha ppreżentaw żewġ dokumenti (fol 106 sa fol 119).

Rat illi fl-udjenza tas-26 ta' Ġunju 2023, id-difensur tal-intervenuti fil-kawża ddikjara li m'għandux aktar provi x'jipproduċi.

Rat ukoll illi fl-udjenza tas-26 ta' Ġunju 2023, wara li l-partijiet trattaw il-kawża, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mis-soċjeta' rikorrenti ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, u li permezz tagħha, is-soċjeta' rikorrenti tgħid illi b'effett mis-27 ta' Ġunju 2020, l-isem tas-soċjeta Mixer Concrete Works Ltd (C 17858) kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji.

Illi jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti hija kreditriċi tas-socjeta` msemmija Mixer Concrete Works Ltd (C 17858), fl-ammonti kif indikati fir-rikors promotur, liema kreditu ġie kanonizzat permezz tas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Ramel u Żrar Limited vs Mixer Limited et** deċiża fl-14 ta' Lulju 2006 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Mejju 2007. Jgħid li għalhekk it-tħassir tal-kumpanija tippreġudika serjament lis-soċjeta' rikorrenti milli tiġbor il-flus lilu dovuti mis-soċjeta' *de quo.*

Huwa allura għalhekk illi s-soċjeta' rikorrenti ressqet dawn il-proċeduri sabiex is-soċjeta` Mixer Concrete Works Ltd (C 17858) terga' titqiegħed

fuq ir-Reġistru bil-għan illi s-soċjeta' rikorrenti tieħu l-miżuri kollha lilha spettanti biex tissodisfa l-kreditu tagħha.

Fl-affidavit tiegħu **Gaetano Abdilla** jgħid li hu direttur tas-soċjeta' rikorrenti. Jispjega li s-soċjeta' rikorrenti kellha tieħu mingħand is-soċjeta' *de quo* u għalhekk kienet intavolat proċeduri fil-konfront tagħha fis-sena 2000, liema proċeduri ġew konklużi permezz tas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Ramel u Żrar Limited vs Mixer Limited et** deċiża fl-14 ta' Lulju 2006 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Mejju 2007 fejn ġie ddikjarat li s-soċjeta' *de quo* kienet kreditriċi tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' għaxart elef Ewro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€10,000.79) u dan apparti l-imgħaxijiet.

Jikkonferma li sal-lum dan il-bilanċ għadu pendenti. Jgħid li dan l-aħħar sar jaf li s-soċjeta' Mixer Concrete Works Ltd (C 17858) ġiet imħassra minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u għalhekk intavola dawn il-proċeduri bħala l-unika soluzzjoni li hemm biex is-soċjeta' rikorrenti tkun tista titħallas.

Mistoqsi in kontro-eżami jekk ħax azzjoni minn l-2007 sal-lum sabiex il-kreditu in kwistjoni jitħallas, jgħid li ħa azzjoni iżda mhux ċert x'kienet. Mistoqsi jekk hux minnu li hemm proċeduri oħra pendenti fil-konfront tas-soċjeta' *de quo* jgħid li hu minnu.

Il-Qorti tosserva li in sostenn ta' dak mistoqsi fil-kontro-eżami, l-**intervenuti fil-kawża** ppreżentaw dokumenti sabiex juru l-inadempjenza tas-soċjeta' rikorrenti mill-2007 sa llum, liema dokumenti l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-**intimat Reġistratur** isostni illi kellu kull raġuni valida fil-liġi biex jikkanċella l-kumpannija u għadda mill-proċeduri kollha li trid il-liġi sabiex sar dan. Filwaqt illi finalment jħalli f'idejn il-Qorti sabiex tiddeċiedi hi skont il-provi li jitressqu, b'dana kollu r-Registratur intimat jirrimarka illi jekk kemm-il darba l-isem tal-kumpanija jidħol lura fir-reġistru, ir-Reġistratur m'għandux jispiċċa b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit.

## Ikkunsidrat ulterjorment:

## Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *Jekk membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bzonn biex kumpannija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji terġa' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta l-kumpannija Mixer Concrete Works Ltd (C 17858) ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Mill-atti jidher ċar illi s-soċjeta' rikorrenti għandha kreditu fil-konfront tal-kumpannija mneħħija minn fuq ir-Reġistru, Mixer Concrete Works Ltd (C 17858), iżda tinnota wkoll li ma nġiebet l-ebda prova li turi li l-istess soċjeta' rikorrenti qed tagħmel l-almu tagħha sabiex tirkupra l-istess kreditu.

Illi filwaqt illi l-intimat Registratur għandu raġun josserva illi jekk kemm-il darba l-kumpanija terġa` titpoġġa fuq ir-reġistru ai termini tal-Artiklu 325(4)

xorta ser jissussistu l-fatturi li wasslu sabiex ir-Reġistratur neħħa l-kumpanija minn fuq ir-Reġistru – b'dana kollu kull każ storja u fil-każ odjern, is-soċjeta' rikorrenti indikat b'mod ċar li għad għandha kreditu sostanzjali fil-konfront tal-istess kumpanija.

Huwa għalhekk illi din il-Qorti, fid-deċiżjoni tagħha qed tieħu nota tal-fatt illi r-Reġistratur intimat kellu kull raġun illi jikkanċella isem il-kumpannija Mixer Concrete Works Ltd (C 17858) minn fuq ir-Reġistru, pero` fl-istess waqt is-soċjeta' rikorrenti għandha interess u jinsab sodisfatt dak li trid il-liġi biex huwa jitlob b'suċċess ir-ri-entegrazzjoni tal-kumpannija msemmija lura fuq ir-Registru.

Il-Qorti sejra għalhekk tilqa' t-talba mressqa mis-soċjeta' rikorrenti, pero` una volta illi ser jingħata din l-opportunita' li l-kumpanija Mixer Concrete Works Ltd (C 17858) terġa' titpoġġa fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, dan ma jfissirx illi din il-Qorti terġa' tagħti jew marbuta terġa' tagħti opportunita` oħra jekk is-soċjeta' rikorrenti tfalli mid-dmirijiet u l-obbligi tagħha biex teżerċita d-drittijiet tagħha fil-konfront ta' din il-kumpanija.

Is-soċjeta' rikorrenti għandha tkun ben konxja ta' dan u b'hekk din il-Qorti tkun f'posizzjoni aktar komda u serena biex teżerċita d-diskrezzjoni tagħha favur it-tqegħid lura ta' isem is-socjeta` Mixer Concrete Works Ltd (C 17858) lura fuq ir-Reġistru.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax il-jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Mixer Concrete Works Ltd (C 17858)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpannija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **Mixer Concrete Works Ltd (C 17858)** jitpoġġa lura fuq tali Registru tal-Kumpanniji għall-perjodu ta'

ħames (5) snin, b'dan illi s-soċjeta' rikorrenti hija mistennija illi tinizzjala, issegwi u wieħed jispera tiffinalizza kwalunkwe proċeduri neċessarji sabiex tenforza kwalsiasi drittijiet kontra l-istess soċjeta` msemmija fiż-żmien hawnekk konċess.

4. **Fil-raba' lok**, tordna illi l-ispejjeż ta' din il-procedura (salv ghal dawk relatati mal-intervenuti fil-kawza) u kif ukoll kwasliasi spejjeż illi jista' jinkorri ir-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **Mixer Concrete Works Ltd (C 17858)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji u konsegwentament jerġa' jiġi kkanċellat l-istess isem kif hawn fuq deċiż, ikunu a karigu tas-soċjeta' rikorrenti. L-intervenuti fil-kawża jbatu l-ispejjeż tagħhom.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**